MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2014

Avviz Numru. 294/2013

**Carmel Bugeja**

**Vs**

**DIS Combined Industries Ltd (C45250)
DIS Companies Ltd (C47833)
D.I.S. Heavy Construction Ltd (C41537)
Dolphin Industrial Services Limited (C28232)
DIS Equipment Rental Ltd (C45248)
DIS Steel Ltd (C46681)**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tal-attur fejn talab lis-socjetajiet konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta’ erbgha t’elef u seba mitt ewro (€4,700.00) flimkien mat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-imsemmija somma, oltre l-imghax kummercjali, rapprezentanti f’bilanc mis-somma dovuta ghall-prezz tax-xogholijiet ta’ elettriku, plaming u tad-dranagg li kien imqabbad jaghmel minnhom gewwa numru ta’ appartamenti f’Del Sol’ fil-Qawra.

Bl-ispejjez inkluz tal-prezenti kif ukoll, tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 1715/13 intavolata nhar it-23 ta' Lulju 2013 kif ukoll bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament. L-intimati minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat li fis-seduta tal-24 ta' Jannar, 2014 is-socjetajiet konvenuti ma deherux u lanqas ipprezentaw risposta.

Rat li fl-istess seduta gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjetajiet konvenuti.

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Frar, 2014, is-socjetajiet konvenuti msejhin tlett darbiet naqsu li jidhru, ghalkemm debitament notifikati, u ghalhekk il-kapitolu tal-attur ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-socjetajiet konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' erbgha t'elef u seba mitt ewro (€4,700.00), flimkien mat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-imsemmija somma, oltre l-imghax kummercjali, bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 1715/13 intavolata nhar it-23 ta' Lulju 2013 kif ukoll bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjetajiet konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------